**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA’ (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tnax (12)

## L-Erbgħa, 2 ta’ April 2020

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur żamm din il-laqgħa permezz ta’ Conference Call fid-dawl tal-Coronavirus u Social Distancing, fil-5:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b’talba.

**12.1**. **Qari tal-ittri ta’ l-apoloġiji.**

Ma kien hemm ħadt assenti.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**12.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-għaxar (10) laqgħa b'urġenza tas-27 ta' Frar, 2020 u tal-ħdax (11) laqgħa tal-4 ta' Marzu,2020 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

**12.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta update dwar is-sitwazzjoni Finanzjarja. Għadna irridu ndaħħlu €4,000 Halloween, €2,000 Central Bank Balance, €15,000 Karnival mingħand MGOZ, €11,000 skema DLG tal-Karnival u €1,500 GSD tal-Karnival. Inħargu pagamenti ta madwar €3,000 fuq kontijiet pendenti ta' Richard Cauchi kif ukoll €10,000 lil Gatt tarmac Ltd bħala PPP.

Is-Sindku innota li ħarget Cirkulari rigward ir-Ring Fencing. Din inħarget wara laqgħa li kien hemm seduta tas-sindki fil-parlament, intalbet awtonomija, u allura issa qed jiġi irtirat l-obbligu tar-ring fencing minbarra għal waste tipping fees u knis ta' toroq urbani.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hem qbil unanimu fuq l-iskeda ppreżentata u dawn ġew iffirmati.

Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-bilanċi tad-deficit u dan ġie spjegat.

Is-Sindku rrimarka li jidher li ser ikollna l' fuq minn €100,000 f'varjazzjonijiet tar-Rural Roads (M4.3) u dawn għadhom qed jiġu diskussi u anke qed nitolbu lil Ministeru għal Għawdex għal għajnuna. Il-Kunsill warrab €20,000 tal-co-financing għal dawn, u għandu jirċievi aktar minn dan il-fond il-quddiem.

**12.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Updates mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

12.4.1 Aperturi tal-Uffiċċju tal-Kunsill – Dawn għadhom ma sarx xogħol fuqhom.

12.4.3 Qtugħ ta' ħaxix – Dan sar f'diversi inħawi madwar Nadur.

12.4.4 Bozza fi Triq Ħanaq – Din il-bozza lesta kemm tixgħel.

12.4.5 Kurduna fi Triq Piju Cellini – Din il-kurduna hija lesta.

12.4.6 Printer għall-uffiċċju tas-Sindku – Din xtrajniha.

12.4.7 Pending: Hemm Bozza fi Triq ir-Rabat u Bozza fi Triq l-Andar.

12.4.8. Zviluppi wara Laqgħa mal-Ministru għal Għawdex:

a. Triq l-Mgarr – F'din it-triq inbeda x-xogħol minn naħa tal-MGOZ.

b. Triq ta' Kenuna u Triq il-Madonna ta' Fatima – Din Triq il-Madonna ta' Fatima fadal jsir tarmak u ir-railings. Rigward Triq ta' Kenuna se jibdew wara li jitlesta xoghol fi Triq il-Madonna ta' Fatima.

c. Triq it-Tigrija u Triq il-Qala – Rigward dawn it-toroq ser isir talba formali fuqhom.

d. Triq ta' Daħlet Qorrot – Il-Kunsill ser jara li ssir stima kemm ta' tarmak u kif ukoll ta' sement.

e. Il- BOQs tat-toroq residenzjali fin-Nadur– Dawn qed isiru mill-perit tal-Kunsill.

f. Ħaddiema fis-Siti ta' Attrazzjoni fin-Nadur – Is-Sindku bgħat ittra rigward dan imma għadna bla risposta. Il-Kunsillier Joseph Vella ser jsegwi din.

g. Railings li jinsabu fi Triq ir-Rabat– Rigward dawn ser isir talba.

h. Latrina fil-Bajja ta' San Blas – Is-Sindku talab lil perit tal-Kunsill biex jagħmel pjanta.

i. Child Care Centre u Dar ta' l-Anzjani – Irid isir meetings rigward dawn flimkien mal-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri.

j. Kotba bl-isem *Gozo Portrait of an Island* – Kull Kunsill ingħata 5 kotba biss li jistgħu jingħataw bhala rigali biss.

12.4.9 Fencing fil- *Dog Park* – Għandhom imorru il-Kunsilliera Jean Paul Portelli u l-Kunsillier Josef Camilleri jaraw x'hemm bzonn jsir qabel.

12.4.10. Bandiera tal Pjazza San Pietru u San Pawl – Din ġiet ordnata.

12.4.11. Bdil ta' ismijiet ta' toroq tal-Qaddisin San Gorg Preċa u San Pawlu VI – Rigward dawn għadu ma sar xejn.

12.4.12. Bus Route 303 – Saret talba b'ittra lil TM.

12.4.13. Zebgħa u tabelli fi toroq – Triq it-Tigrija ma' Triq San Blas – Din għada pending.

12.4.14. Ħofra fi Triq ir-Rabat ma' Triq Duru – Din għada pending.

12.4.15. Yellow lines ta' 1.5m fi Triq Sant Indrija – Dawn huma lesti.

12.4.16. Barriers – Il-Kunsill ordna 5 barriers li ser ikunu tagħna.

12.4.17. Heater fl-uffiċċju– Dan inħall u ser narmuh.

12.4.18. **Rigward talbiet minn Jean Paul Portelli:** Talba għal linji sofor intbgħatet lil TM u ma ġietx milquha minnhom. Bankina fi Triq DC Cocco Palmeri ser nordnaw il-madum mill-Gvern Centrali. Titranga bankina cocco palmeri din hija lesta. Ħitan imwaqqgħin fi Triq Qala dawn irrangajna kif stajna. Pendenti: Il-Gibjun tal-Pjazza San Pietru u San Pawl u patching fil- Wied ta' Grejgel, ħitan fi Triq Daħlet Qorrot u ċint biex inziedu xi ġebel.

12.4.19. **Rigward talbiet minn Joseph Vella**: Cover tal-bozza fi Triq San Gwann, din qeda fil-process. Bozza fi Triq Knisja- Dan inbeda l-process fuqha. Ix-Xirek fi Triq il-Qala huma lesti. Dwar l-exhibition tal-Bolli għalissa mhu ser isir xejn minħabba COVID -19. Bankina fi Triq San Ġwann din hija lesta. Patching ta' Sopu dan huwa lest. Yellow lines fi Triq Fatima ma ġewx approvati minn naħa ta' TM.

12.4.20. **Rigward talbiet minn Josef Camilleri:** Pendenti: Maintenance fit-Torri ta' Sopu.

12.4.21. **Rigward talbiet minn Eucharist Camilleri:** Is-Siġar ta' Ħdejn iċ-Cimiterju l-Qadim lesti inzabru. Ħofor fi Triq Ħida huma lesti ukoll. Pendenti:- sement fi Triq ir-Rabat, Patching fi Triq il-Knisja, Ħajt f'Daħlet Qorrot u Disabled parking fi Triq Grunju.

## 12.5. Korrispondenza.

| | |
|---|---|
| 6556 | E mail minghand MGOZ dwar Gozo Alive |
| 6566 | Re Cir AKL 2020/019 - COVID-19 tqassim ta' maskli u ingwanti disponibbli mill-AKL |
| 6567 | Cir AKL 2020/020 - Laqgħat u Sessjonijiet ta' informazzjoni - Prekawzjonijiet f' dan il-perjodu li għaddejjin minnu |
| 6568 | Cirk AKL 2020/2021- Seduti tal-Kunsilli Lokali |
| 6569 | E minghand Direttur DLG dwar informazzjoni u gwidi dwar Covid-19 |
| 6570 | E mail minghand l-awdituri RSM li mhux ser ikunu prezenti fl-ufficcju minhabba Covid-19 izda xorta ser jaħdmu fuq l-Audit. |
| 6571 | Komunikat mill-Ministru reponsabbli mill-Gvern Lokali-REF1/20- dwar swieq fil-beraħ, servizzi, bereg, Day centres u tribunali |
| 6572 | PQ 13480 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Kunsilli Lokali: Records tal-ilmenti tar-residenti |
| 6573 | PQ 13437 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Għawdex – tower cranes |
| 6574 | Cir AKL 2020/023 Facebook - YouSafe SOS |
| 6575 | Cir AKL 2020/024 - Important notice regarding submission of Health Claims - COVID 19 |
| 6576 | E mail minghand id-Direttur DLG dwar għeluq tas-swieq fil-beraħ |
| 6576 | Direttiva 2/2020-Covid 19 |
| 6577 | E mail mingħand public libraries biex tinghalaq librerija u librara tista taħdem fuq gew bil-bibien mghaluqa minhabba Covid 19 |
| 6578 | Cirk. AKL 2020/024-LIFE calls proposals 2020 |
| 6579 | Cirk. 4/2020-Allocation 2020-Ring Fencing |
| 6580 | Cirk. 3/20- Microsoft Teams |

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

| | |
|---|---|
| 6581 | Cirk. AKL2020/026- Comm. Of general based violence |
| 6582 | Cirk Akl 2020/025- Estenssjoni ta' Deadline biex jigu sottomessi Audited Accounts |

- Registrazzjoni tal-Artijiet fin-Nadur – Is-Sindku innota li inġabru mal-1,800 firma u intbgħatu lil Prim Ministru u cc lil Onor Byron Camilleri - Ministru għall-Intern, Onor Clint Camilleri - Ministru għal Għawdex u lil Onor Alex Muscat - Segretarju Parlamentari. Ġie maqbul li tintbgħat ittra lil Prim Ministru biex nitolbu żviluppi u l-Viċi Sindku-Eucharist Camilleri ssuġġerixxa li wara, jekk ikun hemm bżonn, isir press conference biex inżidu l-pressjoni. Dwar dan tal-aħħar is-Sindku talab li nimxu pass pass.

- Rapport ta' Inkluzjoni Socjali – Ser nibgħatu risposta rigward diversi attivitajiet li saru f'dan il-qasam.

- Każ tal-Kuntrattur OPAL fuq il-Gym Equipment fil-Belveder DC Cocco Palmeri- Is-Sindku innota li fi zmien sena l-gym equipment ħareg sadid minnu. Wara diskussjoni dwar jekk għandniex ngħaddu l-pagament li fadal, il-Kunsill qabel li nieħdu pariri tekniċi u legali sabiex naċċertaw li x-xogħol isir kif mitlub mit-tender u l-garanzija.

**12.6 Inizzjattivi u Zviluppi rigward Covid-19;**

Is-Sindku innota li din hija sitwazzjoni kerħa ħafna, u huwa ta' dispjaċir li kien hemm min ipprova iweġġana dwar il-laqgħa pubblika. Hu kompla jgħid li żamm lil kunsill dejjem infurmat b'kull deċizjoni. Għalaqna latrini, ġonna, playing fields, librerija, monti, attivitajiet kollha, berġa, permessi għal attivitajiet barra u day centre anzjani. Il-Kunsill qed jiftah nofs ta nhari għan nies u jaqdi wara nofsinhar għat telefonati tan-nies. Is-Sibt qed jingħalaq u l-ħaddiema bir-rotation. Ħadd ma jidħol ġew, lanqas ħaddiema.

Il-Ħaddiema fuq barra baqgħu għaddejjin pero ma jiltaqgħux ma' nies u kemm jista' jkun jaħdmu għal rashom. Is-Sindku qed jara kif jirranga roster u jaqdi lin nies.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku | IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva |

Saret lista tad-deliveries fin-Nadur u se titqassam fid-djar, se nagħmlu banner ta xhajma, u banners għal facebook.

Yousafe Nadur – Din hija platform mil-AKL u l-aktar waħda followed.

Is-Sindku talab ideat ta' kif nistgħu nkunu aktar qrib in-nies. Fost ħafna ideat ġie deċiz li jsir salib bil-fjakoli fil-Pjazza San Pietru u San Pawl f'Ħamis ix-Xirka, li isiru arbli bil-bnadar u banner b'simboli ta' tama b'messaġġi tat-tfal. Kien hemm ukoll diskussjoni kif jistgħu jsiru xi tip ta' video ta' informazzjoni online.

Id-diskussjoni ħadet fit-tul fejn kull kunsillier ħareġ bl-ideat tiegħu u ġew diskussi.

**12.7. Offerti Pubbliċi.**

Is-Sindku innota li l-offerta Gnien il-Kunsill u *Public Toilets* u *Service of an Architect* ser jinħargu meta tinfetaħ is-sistema ta' E tendering.

***NLC/1/2020-Tender for the construction of pavements***:- L-orħos offerta u konformi kienet ta' Joseph Rapa għall-prezz ta' €7,890/year. Din ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

Is-Segretarja nnotat li ingabru tlett kwotazzjonijiet tal-Accountant u l-orħos waħda kienet dik ta' Michelle Camilleri. Kien hemm qbil li tintgħazel Michelle Camilleri b'direct order peress li hija mat-tresholds ta' sena.

**12.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali.**

**12.08.1 Attivita' librerija:**

Saret l-ewwel sessjoni u issa irridu nkomplu wara dan kollu.

**12.08.2. Attivitajiet ma' l-iskola Primarja Nadur:-**

Ser ikollu jitħassar kollox minħabba din is-sitwazzjoni ta' Covid-19

**12.08.3. Ħarga Anzjani:-**

Ser ikollu jitħassar kollox minħabba din is-sitwazzjoni ta' Covid-19

**12.08.4. Ħad Dingli:-**

Ser ikollu jitħassar kollox minħabba din is-sitwazzjoni ta' Covid-19 u iffirmar tal-ħbiberija ser tiġi posposta.

**12.08.5. Charter Library:-**

Il- Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta update dwar dan fejn qal li hemm involut Lina Mifsud, Mark Azzopardi, Maria Finger, Frankie Meilak u Daniel Meilak. Kien hemm qbil li jiġi kollox pospost għas-sena 2021 minħabba COVID-19..

**12.08.6. Mnarja:-**

Ser ikollu jitħassar kollox minħabba din is-sitwazzjoni ta' Covid-19. Kien hemm qbil li jsir tip ta' video tajjeb għal l-Imnarja li jfakkar l-attivitajiet li kienu jsiru.

**12.08.7. Vyshny Volochok:-**

Is-Sindku ser jinforma li għalissa minhabba din is-sitwazzjoni ser jiġi kollox pospost.

**12.08.8. Charter, Gemellaggi u Safar:**

Charter fi Spanja – għalissa applikajna u ma jfissirx li se imorru minħabba sitwazzjoni.

Charter fi Sweden – għalissa kollox pending minħabba sitwazzjoni.

Youth Exchange Lithuania – refund flights u se jiġi pospost.

Gemillaġġ Cicciano – probabli nieħdu refund u jiġi pospost għal sena oħra.

**12.8.9. Wine Festival:**

Bands konfermati bhalissa hemm – Spirit of Smokie u Red Electric. Ġie deċiz li għalissa se ninnegozjaw li deposit jingħata lura jekk jitħassar minħabba Covid-19. Il-Viċi Sindku talab li ma nikkonfermaw lil ħadd u li naraw għandux jitħassar. Din kienet diskussa pero l-qbil kien li nimxu pass pass u niddeċiedu aktar il quddiem dwar dan.

**12.9 Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**12.9.01 Urban Greening**- saru pots ġodda fil-Belvedere DC Cocco Palmeri, Pjazza San Pietru u San Pawl, ħdejn bring in sites fi Triq it-Tigrija, fil-Playing field ta' San Blas. Tħawlu sigar u pjanti fl-area ta' Xurdin, Ġnien ta' Kenuna, Gnien il-Kunsill u Playing Field tal-Ħali.

**12.9.02 Live Streaming**- Paul Portelli qed jaħdem fuq Streaming.

**12.9.03 Triq ir-Ramla l-Qadima**- Saret site visit mal-Perit u l-kuntrattur, se jiġi iffirmat il-kuntratt, ser issir site visit ukoll ma' WSC, is-Sindku ser ilesti ittra li juri qabel lil Kunsilliera għal residenti u imbgħad se issir l-press conference.

**12.9.04 Triq il-Buskett**- Peress li hemm persuna qed tgħid li tagħħa għalissa ma hu ser jsir xejn.

**12.9.05. Dawl fil-Ġnien ta' Kenuna** – Qed jara rigward is-sitwazzjoni tad-dawl D Illumination.

**12.09.06 Maintenance - Fil- Ġnien ta' San Blas** ar zebgħa u issa ser issir maintenance tal-gazebo. Fil-Ġnien tal-Kunsill sar zebgħa u lil bandli ukoll.

**12.09.07. Maintenance fil-Pjazza San Pietru u San Pawl** – Dorna il-finger points, u saru brazzi ġodda, issa qed induru brazzi qodma kollha. Wara se nduru il-kanuni.

**12.09.08. Maintenance bankijiet** – saru 6 bankijiet u qed induru 7 oħra.

**12.9.09 Pending**: Ġnien ta' Kenuna dawl; Festun tal-fiss fil-Pjazzetta; Ashtray Bins tal-Pjazza; Monument tal-Karnival ir-railing; Il-fossa ta' Ġnien il-kunsill; Il-Bus shelter fi Pjazza San Pietru u San Pawl.

**12.9.06 Kiri ta' Garage (storage)-** Is-Segretarja innutat li ingabru tlett kwotazzjonijiet kif ġie mitlub fl-aħħar laqgħa u l-orħos waħda kienet ta' Karmenu Falzon fi Triq it-Tramunatana bi prezz ta' €370 fix xahar u l-Kunsill iħallas id-dawl u l-ilma apparti ukoll. Il-Kuntratt ser ikun ta' sena u jiġġedded kull sena.

**12.9.07 Vandalizmu**:- Qed isiru picnic table tas-sement u gebel, madum u injam mill-ħaddiema tal-Kunsill fl-area ta' Xurdin fejn insteraq il-bank ta' l-injam. Rigward il-Ħamien tal-fontana fi Triq Xandriku li sar vandalizmu fuqhom ser jerggħa jixtri l-ħamiem il-Kunsillier Josef Camilleri.

**12.9.08 Skemi MGOZ Restawr u Kultura**:- Tlabna extension u din ġiet aċċettata u ser napplikaw.

**11.9.09 Għar Mixta-** Ġie deċiz li tinkiteb ittra lil Ministeru għal Ghawdex sabiex tittieħed azzjoni u jiġi salvagwardjat dan il-post. Kien hemm qbil fuq dan għalkemm il-kunsillier Jean Paul Portelli saħaq li għandna naraw li ma nieħdux art ta' ħaddieħor. Is-Sindku nnota wkoll PQ tal-Onor. Chris Said u r-risposta dwar dawk l-inħawi fejn jidher li l-ewwel parti tal-passaġġ li jaghti għal għar hija tal-Gvern, l-għar u l-art tal-madwar hija mwellija mill-Gvern lil terzi, u l-passaġġ għal bajja huwa privat.

**12.09.10 Zebgħa tar-Railings fil-Ġnien il-Kunsill** – Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li x-xogħol jsir minn xi għaqda. Ser naraw jekk hemmx min hu interessat qabel niġbru kwotazzjonijiet.

**12.09.11. Talba għal Passju fil-Gonna** – Kien hem qbil fuq dan li jsiru l-quddiem.

**12.09.12 Cameras fi Ġnien il-Kunsill** – Kien hemm qbil li nirrangawhom.

**12.09.13 Bini ta' ħajt fi Triq Bingemma tal Community Centre**. Kien hemm qbil li jinbena.

**12.10. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**12.10.1. Eucharist Camilleri**- Talba biex jinbnew ħitan imwaqqa zgħar fil-Wied ta' Bingemma u jitnaddaf il-weraq u zkuk. Talab li titranġa walking totem f'Wied Binġemma.

**12.10.2. Joseph Vella**:- gibed l-attenzjoni rigward il-ħmieg li qed jintrema barra mill-bring in sites ta' ħdejn l-iskola. Il-Kunsill ser jara l-footage. Talab għal tabella taż-żibel fi Triq Duru.

**12.10.3. Jean Paul Portelli**:- talba biex isir single line ta'Grunju area.

**12.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 5 ta' Mejju, 2020 fl-4:00pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva